**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 1239/21 GG**

**Theuma Salvina (I.D.1050148M), Josiane Psaila (I.D 294380M) fil-kwalita` taghha ta' mandatarja tal-imsiefra Carmella Sarah Aquilina, Salvina Spiteri (I.D 0425550M) f'isimha proprja u bhala mandatarja tal-imsiefra Tereza Gauci (I.D 136949M) u Emanuel Aquilina (I.D 0461261M).**

**vs.**

**Giovanna sive Jane Formosa**

Illum 7 ta' Dicembru, 2023

Il-Qorti,

Rat ir-rikors mahluf tal-atturi Salvina Theuma et ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-16 ta' Dicembru, 2021 li bih jallegaw in-nullita' ta' testment u l-konsegwenti haddim tas-successjoni *ope legis* bis-segwenti premessi u talbiet:

1. Illi l-esponenti huma l-eqreb qraba superstiti ta' Giuseppa sive Jessie Aquilina (ID 9727134M), li mietet xebba u minghajr ulied fil-25 ta' Dicembru 2019.

2. Illi mir-ricerki testamentarji ta' Giuseppa sive Jessie Aquilina, irrizulta li hija kienet ghamlet b'kollox tlett testmenti, tnejn fl-atti tan-Nutar Dottor Francis Micallef tal-25 ta' Awissu 1971 u tat-2 ta' Marzu 1978, u l-ahhar wiehed fl-atti tan-Nutar Dottor Roberta Borg tal-14 ta' Gunju 2018.

3. Illi bl-ahhar testment taghha fl-atti tan-Nutar Dottor Roberta Borg, il-mejta Giuseppa sive Jessie Aquilina hassret u rrevokat it-testmenti precedenti taghha, halliet diversi legati u nnominat b'eredi unika u universali taghha lill-konvenuta Giovanna sive Jane Formosa.

4. Illi minn verifiki li ghamlu l-esponenti, ghalkemm fuq it-testment tal-14 ta' Gunju 2018, in-Nutar Dottor Roberta Borg iddikjarat li dan gie pubblikat *'wara d-debita cerzjorazzjoni maghmula skont il-ligi f'Malta il-Furjana fl-Isptar Sir Paul Boffa, quddiem ix-xhieda: Jatinder Singh shuttle worker son of Giurbax Singh and the late Balbin nee Kaur, imwieled Punjab India (15.09.1987), karta tal-Identita' 647418L u martu Laura Ellen Joan Singh receptionist, bint Carmel Zerafa u Ann Margaret nee Williams, imwielda Leister l-Ingilterra (12.11.1971) bil-karta tal-Identita' 357187M, it-tnejn residenti Hal-Qormi'*, u hemm ukoll zewg firem li jidhru li huma ta' dawn ix-xhieda, il-konjugi Singh ma kinux prezenti ghall-publikazzjoni ta' dan it-testment, u lanqas ma agixxew bhala xhieda fuq dan it-testment fit-termini tal-ligi vigenti meta gie pubblikat.

5. Illi skond l-**art. 655** tal-Kodici Civili u l-**art. 25(3)(c)** u **40(1)(e)** tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili (Kap. 55 tal-Ligijiet ta' Malta), kif applikabbli f'dan il-kaz, testment pubbliku huwa null u ma jiswiex jekk ma jkunx pubblikat fil-presenza ta' zewg xhieda.

6. Illi bit-testment precedenti taghha fl-atti tan-Nutar Dottor Francis Micallef tat-2 ta' Marzu 1978, Giuseppa sive Jessie Aquilina kienet hassret it-testmenti precedenti kollha taghha u nnominat b'eredi universali taghha lil ohtha xebba Rose Aquilina, li pero' mietet qabilha.

7. Illi in kwantu l-esponenti huma l-eqreb qraba kollaterali tal-mejta Giuseppa sive Jessie Aquilina, wara li l-axxendenti taghha u l-unika eredi nominata bl-ahhar testment validu taghha mietu lkoll qabilha, l-esponenti ghandhom jedd ghas-successjoni taghha *ab intestato* fit-termini tal-**art. 812(c)** tal-Kodici Civili, u ghalhekk ghandhom interess guridiku li jitolbu d-dikjarazzjoni ta' nullita' tal-ahhar testment taghha pubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Roberta Borg tal-14 ta' Gunju 2018.

8. Illi minhabba f'hekk, kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u dawk kollha li jirrizultaw fil-kors tas-smigh tal-kawza, prevja kull dikjarazzjoni ohra li tista' tirrizulta mehtiega, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din il-Qorti joghgobha:

(i) tiddikjara u tiddeciedi li t-testment ta' Josephine sive Jessie Aquilina pubblikat min-Nutar Dottor Roberta Borg fl-14 ta' Gunju 2018 fil-11am, u insinwat fir-Registru Pubbliku bin-Nota numru T. 13894/2018 huwa null u bla effett;

(ii) konsegwentement, tiddikjara u tiddeciedi li s-successjoni ta' Josephine sive Jessie Aquilina hija regolata bid-disposizzjonijiet tal-ligi dwar successjoni *ab intestato*.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' ingunta minn issa ghas-subizzjoni, u b'rizerva ghal kull azzjoni ohra kompetenti lill-esponenti kontra taghha.

Rat ir-risposta mahlufa tal-konvenuta pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Frar, 2022 li tghid hekk:

(1) Illi l-intimata hija kugina tal-mejta Giuseppa sive Jesssie Aquilina detentrici tal-karta tal-identita`Maltija numru 9727134M) li mietet fil-25 ta' Dicembru, 2019.

(2) Illi skond **il-Hames Artikolu** tal-ahhar testment tat-testatrici **Giuseppa sive Jessie Aquilina** li mietet fil-25 ta' Dicembru, 2019, teacher,bint xebba ta' Salvatore u Carmela nee` Attard, imwielda l-Isla (17 t'Ottubru, 1934) u bil-karta tal-identita` numru 727134 (M) u kienet residenti numru disgha (9), Triq San Guzepp, Zejtun, Malta , fl-atti tan-**Nutar Dottor Roberta Borg LL.D.** maghmul, moqri u ippubblikat minnha stess tal-erbatax (14) ta' Gunju elfejn u tmintax (14/06/2018) fil-hdax ta' filghodu (11.00 A.M.) l-intimata giet imhollija bit-titolu ta' legat skond il-Hames Artikolu a favur taghha bhala kugina tat-testatrici l-fond li jinsab Birzebbuga Triq il-Lido bl-

isem “Alexandria”,; b’dak kollu li jinsab gewwa *a limine intus* u dan b’turija ta’ ringrazzjament ghas- servigi minnha imwettqa favur it-testatrici.

(3) Illi skond **is-Seba` Artikolu** tal-ahhar testment tat-testatrici Giuseppa sive Jessie Aquilina tal-erbatax (14) ta’ Gunju elfejn u tmintax (14/06/2018) fil-hdax ta’ filghodu (11.00 A.M.), it-testatrici halliet b’werrieta universali taghha illum l-intimata, lill-kugina taghha **Giovanna sive Jane Formosa** bint Filippu Gafa`u Grazzja nee`Attard, imwielda Hal Ghaxaq, Malta, unikament u esklussivament u fi piena proprjeta`. Illi inoltre l-istess testatrici innominat lill-istess intimata Giovanna sive Jane Formosa bhala ezekutur testamentarju taghha bil-poteri kollha koncessibli bil-ligi ghal tali kariga u bl-obligu li tibqa fl-istess kariga sal-ahhar distribuzzjoni tal-assi taghha.

(4) Illi skond l-ahhar testment tat-testatrici fl-atti tan-Nutar Dottor Roberta Borg LL.D. id-defunta Giuseppa sive Jessie Aquilina hassret u rrevokat it-testmenti precedenti taghha, u halliet diversi legati u nnominat b’eredi unika u universali taghha lill-intimata Giovanna sive Jane Formosa.

(5) Illi l-intimata ma ivverifikatx l-awtenticita` tat-testment cioe` illi it-testment tal-erbatax (14) ta’ Gunju elfejn u tmintax (14/06/2018) fil-hdax ta’ filghodu (11.00 A.M.) tan-Nutar Dottor Roberta Borg LL.D. u li kien gie iddikjarat min-Nutar stess illi t-testment gie maghmul, moqri u ippublikat wara d-debita cerzjorazzjoni skond il-ligi f’Malta, il-Furjana fl-Isptar Sir Paul Boffa quddiem xhieda **Jatinder Singh**, shuttle worker iben Giurbax Singh u l-mejta Balbin nee`Kaur, imwieled

Punjab l-Indja (15/09/1987) Karta tal-Identita`647418L u **martu Laura Ellen Joan Singh** receptionist bint Carmel Zerafa u Ann Margaret nee` Williams, imwielda Leister l-Ingilterra (12/11/1971) bil-karta tal-Identita` 357187M, it-tnejn residenti Hal-Qormi. Malta.

Illi l-intimata lanqas ivverifikat illi dak li gie iddikjarat fit-testment imsemmi min Nutar Dottor Roberta Borg LL.D. rigward iz-zewg xhieda Jatinder Singh u martu Laura Ellen Joan Singh huwiex veritjier jew xorta ohra u dan peress illi it-testment huwa dikjarazzjoni tat-testatur jew testatrici prezunta li hija veritjiera u dikjarata u maghmula minn ufficjal pubbliku illi huwa n-Nutar illi ippublika l-istess testment cioe` in-Nutar Dottor Roberta Borg LL.D.

(6) Illi fil-fatt skond l-ahhar testment ta' Giuseppa sive Jessie Aquilina fl-atti tan-Nutar Dottor Roberta Borg LL.D. maghmul, moqri u ippubblikat minnha stess tal-erbatax (14) ta' Gunju elfejn u tmintax (14/06/2018) fil-hdax ta' filghodu (11.00 A.M.) hemm ukoll iz-zewg firem u d-dettalji necessarji kollha ta' dawn iz-zewg xhieda li huma l-konjugi Singh bid-dettalji kollha taghhom u li dan it-testment sar quddiemhom bhala z-zewg xhieda li titlob il-ligi bl-ismijiet **Jatinder Singh**, shuttle worker iben Giurbax Singh u l-mejta Balbin nee` Kaur, imwieled Punjab l-Indja (15/09/1987) Karta tal-Identita`647418L **u martu Laura Ellen Joan Singh** receptionist bint Carmel Zerafa u Ann Margaret nee` Williams, imwielda Leister l-Ingilterra (12/11/1971) bil-karta tal-Identita` 357187M, it-tnejn residenti Hal-Qormi.

(7) Illi l-intimata ma taf assulutament xejn rigward il-prezenza tal-konjugi Singh bl-ismijiet Jatinder Singh u martu Laura Ellen Joan Singh quddiem it-testatrici Giuseppa sive Jessie Aquilina li mietet fil-25 ta' Dicembru, 2019 meta gie maghmul, moqri u ippublikat it-testment min-Nutar Dottor Roberta Borg LL.D. fl-erbatax (14) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (14/06/2018) fil-hdax ta' filghodu (11.00 A.M.).

Fil-fatt, dan l-istess testment igorr mieghu iz-zewg firem ta' **Jatinder Singh** u **martu Laura Ellen Joan Singh** li saru quddiem it-testatrici Giuseppa sive Jessie Aquilina u quddiem in- Nutar Dottor Roberta Borg LL.D.

(8) Illi r-rekwizit ta' zewg xhieda u l-firem taghhom waqt il-pubblikazzjoni tat- testment pubbliku *de quo* gie sodisfatt skond l-intimata u skond in-Nutar Dottor Roberta Borg LL.D. u ghalhekk it-testment huwa skond kif jirrekjedi **l-Artikolu 655 (1) (2) tal-Kapitolu 16 Kodici Civili Ligijiet ta' Malta** u kwindi mhux null kif qed jghidu l-atturi, **imma huwa validu**.

Illi skond **l-Artikolu 25 sub-artikolu (3) tal-Kapitolu 55 Ligijiet ta' Malta** (3) Il-preżenza ta' żewġ (2) xhieda għandha tkun meħtieġa biss fil-każijiet li ġejjin:(a) kull meta jitlob hekk xi wieħed mill-komparenti; u (b) kull meta xi wieħed mill-komparenti ma jafx kif jew ma jkunx jista' jiffirma ismu: Iżda f'każ ta' testmenti pubbliċi u f'każ ta' att ta' konsenjata' testmenti sigrieti, in-nutar għandu f'kull każ jinforma u jispjega lit-testatur bid-dritt tat-testatur li jkollu żewġ (2) xhieda

preżenti:Iżda wkoll f'każ ta' testmenti pubbliċi, jekk it-testatur jagħżel li ma jkollux żewġ (2) xhieda preżenti, in-nutar

għandu fit-testment jiddikjara li hu informa u spjega lit-testatur bid-dritt tiegħu li jkollu żewġ (2) xhieda preżenti u li t-testatur għażel li ma jkollux żewġ (2) xhieda preżenti:Iżda wkoll f'każ ta' atti ta' konsenja ta' testmenti sigrieti,jekk it-testatur jagħżel li ma jkollux żewġ (2) xhieda preżenti, in-nutar għandu fl-att ta' konsenja jiddikjara li hu informa u spjega lit-testatur bid-dritt tat-testatur li jkollu żewġ (2) xhieda preżenti u li t-testatur għażel li ma jkollux żewġ (2) xhieda preżenti.(4) Hu dmir tan-nutar li jiddiriġi l-kompilazzjoni tal-att mill-bidu sat-tmiem, ukoll fil-każ li jagħtih biex tħejjih persuna ta'fiduċja tiegħu.(5) Lin-nutar waħdu jmiss li jara x'inhi l-volontà tal-komparenti u li jistaqsi, wara li jkun qralhom u fissrilhom l-att,jekk dan hux skont il-volontà tagħhom.

Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan l-att u ta' kull liġi oħra,sakemm l-ebda xhieda ma jkunu meħtieġa skont is-subartikolu (3),u lanqas ma jkun japplika l-proviso tal-artikolu 34(1) jew l-artikoli36, 37, 38, meta l-komparenti kollha fuq l-att jiddikjaraw illi huma fehmu kompletament il-kontenut tal-att u l-annessi tiegħu, huma jistgħu b'dikjarazzjoni espressa jeżentaw lin-nutar milli jaqralhoml-att kollu u f'dak il-każ dawn il-formalitajiet ikunu meħtieġa:(a) fl-aħħar tal-att u qabel il-firem finali, in-nutar jiktebiż-żewġ dikjarazzjonijiet bil-kitba tiegħu u jiffirmadak li jkun kiteb,(b) minnufih wara l-firma tan-nutar, kull komparenti jikteb separatament bil-kitba tiegħu "Jiena nikkonferma din l-eżenzjoni" u jiffirma taħtha; u(ċ) kull komparenti għandu jiffirma kull folja tal-att fil-ġenbta' barra u kull anness, sakemm l-annessi ma jkunux ġewdiġà ffirmati skont l-artikolu 28(1)(k).

Illi skond **l-Artikolu 40 (1) (e) tal-Kapitolu 55 Ligijiet ta' Malta** (e) jekk il-ħtiġiet tal-artikoli 25(2), (3), (4) u (5), 27,28(1)(k) u 34 ma jkunux ġew imħarsa:Iżda jekk l-ebda xhieda ma jkunu meħtieġa skont l-artikolu 25(3), u l-proviso tal-artikolu 34(1) u ebda wieħed mill-artikoli 36, 37 u 38 ma japplika, l-assenza temporanja ta' komparenti fuq l-att waqt il-pubblikazzjoni tal-att m'għandhiex tinvalida l-att jekk,minnufih wara li jkun ġie lura, huwa jitlob lin-nutarbiex jerġa' jaqralu dak illi l-komparenti ma kienx preżenti għalih, u n-nutar ikun irrifjuta dan:Iżda wkoll l-ommissjoni tal-firem fl-anness jew lista,kif meħtieġa fl-artikolu 28(1)(k), m'għandhiex tagħmel l-att null iżda dak l-anness jew dik il-lista mhux iffirmati ma jitqisux li jifformaw parti mill-att ħlief safejn il-veridiċità tal-kontenut tagħhom tirriżulta mill-att innifsu jew mil-lista msemmija fl-imsemmi paragrafu (k):Iżda wkoll l-ommissjoni tad-dikjarazzjoni msemmija fl-artikolu 28(1)(k)(ii) m'għandhiex tagħmel l-att null.

(9) Illi skond **il-Hames Artikolu** tal-ahhar testment tat-testatrici Giuseppa sive Jessie Aquilina karta tal-identita` numru 727134 (M) residenti numru disgha (9), Triq San Guzepp, Zejtun, Malta , fl-atti tan-Nutar Dottor Roberta Borg LL.D. maghmul, moqri u ippubblikat minnha stess tal-erbatax (14) ta' Gunju elfejn u tmintax (14/06/2018) fil-hdax ta' filghodu (11.00 A.M.) l-intimata giet imhollija bit-titolu ta' legat a favur taghha bhala kugina tat-testatrici l-fond li jinsab Birzebbuga, Triq il-Lido, bl-isem "Alexandria", b'dak kollu li jinsab gewwa *a limine intus* u dan b'turija ta' ringrazzjament ghas- servigi minnha imwettqa favur it-testatrici.

Ghaldaqstant qed jig rikonoxxut mit-testatrici illi l-intimata Formosa Giovanna sive Jane irrendiet servici favur it-testatrici u ***quindi*** **minghajr pregudizzju ghall-dak suespost**, anke jekk fid-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti tilqa xi talba jew talbiet mir-rikors guramentat tal-atturi u jkun hemm sentenza mhux favorevoli ghall-intimata, **hija ghandha xorta wahda tinghata il-hlas ghall valur ta' kemm jiswa l-fond** li jinsab bl-isem "Alexandria", Triq il-Lido, Birzebbuga, Malta **u dan flimkien mal-valur ta'dak kollu li jinsab gewwa l-istess fond** ***a limine intus***.

(10) Illi **skond is-Seba` Artikolu** tat-testment tetatrici Giuseppa sive Jessie Aquilina fl-atti tan-Nutar Dottor Roberta Borg LL.D. maghmul, moqri u ippubblikat minnha stess tal-erbatax (14) ta' Gunju elfejn u tmintax (14/06/2018) fil-hdax ta' filghodu (11.00 A.M.qed jig rikonoxxut mit-testatrici illi l-intimata **Formosa Giovanna sive Jane** u **dan minghajr pregudizzju ghall-dak suespost**, anke jekk fid-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti tilqa xi talba jew talbiet *in toto* jew parzjali mir-rikors guramentat tal-atturi u jkun hemm sentenza mhux favorevoli ghall-intimata Giovanna sive Jane Formosa, hija ghandha xorta wahda ghandha dritt li tiret lit-testatrici bhala kugina taghha u bhala l-eqreb qariba kollaterali tal-mejta Giuseppa sive Jessie Aquilina , ware li l-axxendenti taghha u l-unika eredi nominata bl-ahhar testment validu mietu lkoll qabilha u l-intimata ghalhekk ghandha il-jedd ghas-successjoni taghha *ab intestato* fit-termini **tal-Artikolu 812 (c) tal Kodici Civili Kapitlu 16 Ligijiet ta' Malta**. kwindi **tibqa b'werrieta universali tal-kugina taghha t-testatrici bhal ma huma l-atturi stess**.

(11)Illi inoltre l-istess testatrici innominat lill-istess intimata Giovanna sive Jane Formosa bhala ezekutur testamentarju taghha bil-poteri kollha koncessibli bil-ligi ghal tali kariga u bl-obligu li tibqa fl-istess kariga sal-ahhar distribuzzjoni tal-assi taghha.

Illi minghajr pregudizzju ghall-dak suespost, anke jekk fid-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti tilqa xi talba jew talbiet mir-rikors guramentat tal-atturi u jkun hemm sentenza mhux favorevoli *in toto* jew parzjali ghall-intimata Giovanna sive Jane Formosa, l-intimata xorta ghandha tibqa **ezekutur testamentarju** skond is-Seba` Artikolu u ghalhekk l-intimata ghandha titnehha minn ezekutur testamentarju jew b'rikors taghha stess jew b'rikors *ad hoc* fil-**QORTI CIVILI –SEZZJONI GURISDIZZJONI VOLONTARJA.**

(12) Illi l-intimata bghatet ittra ufficjali lill-**Nutar Dottor Roberta Borg LL.D.** detentrici tal-karta tal-identita` Maltija numru 0298583 (M) u residenti "Tama", Triq Santa Marija, Mosta, Malta u interpellatha illi tista issir kwerela lill-Pulizija Ezekuttiva sabiex inti tigi investigata u f'kaz illi jekk l-investigazzjonijiet jirrizultaw fl-affermattiv, jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tieghek quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja.

L-intimata interpellat ukoll lill-Nutar Dottor Roberta Borg LL.D. detentrici tal-karta tal-identita` Maltija numru 0298583 (M) illi se jsir rapport formali lill-Kunsill Nutarili ta' Malta u wkoll zammet lin-Nutar Roberta Borg LL.D. responsabbli minn notifika tal-istess ittra ufficjali ghall kwalunkwe telf u/jew danni li l-intimata tista iggarrab bi htijiet taghha. Illi kopja ta

din l-ittra ufficjali qed tigi hawn mehmuza u mmarkata bhala **Dok "A"**.

(13) Illi ghalhekk it-talbiet kollha tal-atturi ghandhom jigi michuda fil-fatt u fid-dritt minn din l-Onorabbli Qorti.

(14) Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda kollha bl-ispejjez kontra taghhom.

(15) Salv eccezzjonijiet ulterjuri ohra.

Ghadaqstant ghall dawn ir-ragunijiet suesposti u ghall dawk kollha li jirrizultaw fil-kors tas-smiegh tal-kawza, prevja kull dikjarazzjoni ohra li tista tirrizulta mehtiega, l-intimata titlob bir-rispett lil Din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa l-eccezzjonijiet kollha taghha u tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti fl-intier taghhom.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li jibqghu ingunti minn issa ghas-subizzjoni u b'rizerva ghall kull azzjoni ohra kompetenti lill-intimata kontra l-atturi.

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

1. Illi brevement rakkontati l-fatti, l-atturi qed jimpunjaw testment tad-defunta Giuseppa sive Jessie Aquilina li mietet fl-eta ta' 85 sena liema testment sar sena qabel u li bih hassret u rrevokat it-testmenti precedenti taghha u bih halliet bhala l-

eredi unika u universali taghha lill-konvenuta. L-atturi jallegaw n-nullita' ta' dan it-testment fuq il-premessa li dan ma sarx skond il-ligi minkejja li jghid li sar fil-presenza tax-xhieda;

2. Illi fost id-diversi xhieda mressqa li rrakontaw kif zvolgew l-affarijiet fosthom li l-konvenuta kienet ta' spiss titlob il-post li d-defunta kellha f'Birzebbugia. It-testment in kwistjoni sar fl-Isptar Boffa gewwa l-Furjana u l-atturi allegaw li l-firem tax-xhieda ma kienux veritieri. Dan il-fatt kien pruvat mill-istess atturi li ressqu lill-istess xhieda li mhux biss iddikjaraw li l-firem fuq it-testment ma kinux taghhom talli ddikjaraw ukoll li qatt ma kienu prezenti ghall-qari ta' xi testment. L-istess xhieda, izda, jghidu li kienet l-istess Nutar li rredigiet konvenju ghall-akkwist ta' dar minnhom minghad terzi;

3. Illi fil-mori tal-kawza, senjatament fid-29 ta' Novembru, 2023, l-konvenuta pprezentat nota li biha ammettiet it-talbiet tal-atturi kif dedotti fir-rikors mahluf;

4. Illi ezaminati l-provi mressqa sa issa, l-ammissjoni tirrizulta mishoqqa.

Ghalhekk ghal dawn il-motivi u fuq ammissjoni tal-konvenuta din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijet kollha tal-konvenuta u tilqa' t-talbiet tal-atturi billi:

(i) tiddikjara t-testment ta' Josephine sive Jessie Aquilina pubblikat min-Nutar Dottor Roberta Borg fl-14 ta' Gunju 2018 fil-11am, u insinwat fir-Registru Pubbliku bin-Nota numru T. 13894/2018 null u bla effett;

(ii) tiddikjara li s-successjoni ta' Josephine sive Jessie Aquilina hija regolata bid-disposizzjonijiet tal-ligi dwar successjoni *ab intestato*. B'dan illi jibqa' inpregudikat id-dritt tal-atturi ghall-azzjoni ulterjuri kif mitlub.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenuta.

**Onor. Dr. Giovanni M Grixti**
**Imħallef**

**Nicole Cini**
**Deputat Reġistratur**